Tony Terribile

# SAN PAWL MEQJUM F'TAS-SLIEMA

Meta dan il-ktieb tal-program tal-festa titulari tal-Parroċċa tagħna jitqassam fid-djar tagħna, tkun waslet fit-tmiem tagħha s-sena ddedikata lill-Appostlu Missierna San Pawl. Din ġiet imnedija mill-Papa Benedittu XVI f'għeluq l-elfejn sena mit-twelid ta' dan l-appostlu kbir. Din is-sena bdiet fl-Imnarja tas-sena l-oħra u se tintemm fl-Imnarja ta' din is-sena.

Bla dubju ta' xejn San Pawl hu wieħed mill-akbar qaddisin. Hu magħruf bħala l-Appostlu tal-Ġnus u tabilhaqq jixraqlu dan it-titlu għaliex, permezz tal-vjaġġi missjunarji li wettaq, ikkonverta għadd kbir ta' nies.

Matul ħajtu, San Pawl ivjaġġa, ippriedka u kiteb tlettax-il ittra, li dawn għadhom jinqraw sal-lum fil-Liturgija tal-Kelma tal-Quddiesa.

F'kapitlu 28 ta' l-Atti tal-Appostli, San Luqa jirrakuntalna bid-dettal in-nawfraġju mirakoluż u provvidenżjali li wassal lil dan il-kbir Appostlu fuq xtutna fis-sena 60 wara Kristu.

Illum wara dawn is-snin kollha fil-gzejjer tagħna, il-qima lejn dan il-qaddis għadha kbira u qawwija ħafna. Jekk inħarsu lejn il-monumenti Pawlini li għandna, bħal Grotta tar-Rabat, il-knisja u l-fdalijiet arkejoloġiċi ta' San Pawl Milqi f'Burmarrad, San Pawl tal-Ħġejjeġ f'San Pawl il-Bahar, il-Gżejjer ta' San Pawl, Għajn Razul u postijiet oħra huma l-aqwa xhieda ta' dan li qeghdin ngħidu.

Barra dawn, il-Katidral tal-Imdina, il-Kolleġġjata tal-Belt Valletta u tar-Rabat u l-Parroċċi ta' Hal Safi u l-Munxar huma ddedikati lil dan il-kbir Appostlu.

Ma' dawn insemmu l-knejjes żgħar li jinsabu fil-Mosta, in-Naxxar, Birkirkara, Xrob l-Għagin, H'Attard, Marsalforn u oħrajn, huma wkoll monumenti oħra ta' mħabba li l-Maltin u l-Għawdxin għandhom lejn dan il-kbir Appostlu. Ma dawn nistgħu nżidu l-għadd kbir ta' niċeċ u statwi li għandna fit-toroq tal-ibliet u rħula tagħna.

Hawnhekk toħrog il-mistoqsija, u aħna f'Tas-Sliema x' għandna li jfakkarna f'San Pawl ?

Tas-Sliema hi relattivament Belt li mhix daqshekk qadima, b'danakollu għandna numru ta' tifkiriet li jfakkruna f' San Pawl.

L-ewwelnett għandna isem ta' triq. Din hi waħda mill-eqdem toroq ta' Tas-Sliema u ssemmiet għal dan il-qaddis għar-raguni li l-art kienet tal-katidral tal-Imdina ddedikat lil San Pawl.

Fil-Knisja parrokkjali tagħna għandna żewġ kwadri b'rabta ma' dan il-qaddis.

L-ewwel wieħed narawh ma' San Pietru. Hu xogħol sabiħ magħmul minn Giuseppi Cali u dan il-kwadru kien ġie esebit fil-wirja tal-Arti Sagra li saret fil-Kurja Arċiveskovili li saret fl-1990 fl-okkazjoni taż-żjara f'Malta tal-Papa Gwanni Pawlu II.

Deskrizzjoni tajba w informattiva ta' dan il-kwadru nsibuha fil-katalgu tal-wirja msemmija.

Kwadru ieħor li jirrapprezenta il-Konverzjoni tal-qaddis fit-triq ta' Damasku jinsab fuq il-bieb ta'ħdejn l-artal tal-Qalb ta' Ġesù. Fih xogħol tajjeb iżda mhux magħruf l-awtur tiegħu iżda xi partijiet minnu jfakkruk fil-Cali.

Barra dawn, f' dawn il-jiem tal-festa fuq l-artal maggur jintramaw għaxar statwi tal-Appostli u fost dawn naraw lil San Pawl. Hawnhekk għandna xogħol sabiħ tal- kartapesta magħmul minn Karlu Darmanin.

Dan l-istess statwarju ħadem statwa simili għall-knisja parrokkjali ta' Stella Maris li tintrama fuq l-artal maġġur fil-festa titulari.

Fil-knisja parrokkjali ta' San Girgor wieħed jista jammira żewġ xogħolijiet li jirrapprezentaw lil San Pawl.

L-ewwel xogħol hu tieqa tal-ħġieġ magħmula Ruma fuq id-direzzjoni u d-disinn tal-pittur Taljan Eliodoro Coccoli. Ħawn naraw lill-qaddis fuq sfond ta' bahar mqalleb u bil-gifen imkisser. Il-figura ta' San Pawl hi replika ezatta ta' San Pawl impitter mill-istess pittur fis-saqaf tal-kolleġġjata tar-Rabat. Taħt din it-tieqa naraw l-arma tal-Papa Piju XII biex tfakkarna li din l-opra saret fi żmienu.



*Niċċa ta' San Pawl fi Triq San Ġwann Battista*

Madwar ħamsin sena ilu l-pittur Emvin Cremona pitter kwadru mill-isbah ta' San Pawl li sal-lum jiddendel fuq l-artal maġġur ta' din il-knisja għal festa tan-Nawfraġju. Hawn naraw lil San Pawl bilqiegħda bil-ktieb tal-vanġelu f'idu waħda u bl-oħra qiegħed izomm ix-xabla. Il-wiċċ ta' San Pawl hu wiċċ il-pittur Cremona, f'kelma waħda hu awtoritratt. Bla dubju ta' xejn hu wieħed mill-isbah kwadri magħmul minn Cremona. Is-sena l-oħra l-Kulleġġ tal-Kappillani stampa din il-pittura fuq fuljett li tqassam fit-tberik tad-djar u hekk din il-pittura sabiħa daħlet fil-biċċa 'l kbira tad-djar Maltin.

Fit-toroq tagħna nsibu sebgħa niċeċ f'ġieħ San Pawl li dawn fil-biċċa l-kbira tagħhom twaqqfu fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin. Dawn in-niċeċ jinsabu fi Triq San Ġwann Battista, fi Triq San Publju, fi Triq San Pawl, fi Triq San Neriku, fi Triq Camenzuli, fi Triq Rudolfu u fi Triq San Franġisk.

Dawn it-tifkiriet kollha huma l-aqwa xhieda li f'Tas-Sliema wkoll għandna ħwejjeġ li jfakkruna f'dan l-appostlu kbir li fis-sena sittin wara Kristu xettel it-twemmin nisrani fil-gzejjer tagħna.